MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**

**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2014

Rikors Numru. 159/2009/1

AB

vs

CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors mahluf ipprezentat mir-rikorrenti, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

Illi dan huwa rikors ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' liema r-rikorrenti qieghed jitlob bir-rispett lil din il-Qorti sabiex tordna il-waqfien tal-Komunjoni tal-Akkwisti li tezisti bejn il-partijiet ;

Illi din it-talba tista ssir minn kull parti li u f'kull zmien matul is-smigh tal-kawza ta' firda u dan skont ma jipprovdi l-Artikolu 55(1) tal-Kapitolu 16 ;

Illi ma hemm xejn li ghandu jwaqqaf lil din il-Qorti milli tordna l-waqfien tal-Komunjoni li tezisti bejn il-partijiet f'dan l-istadju ;

Illi hadd mill-partijiet ma huwa ser ibati ebda pregudizzju u dana peress li kull parti tahdem u ghandha l-impjieg taghha ;

Illi anki jekk se mai l-intimata tipprova targumenta li ser tbati xi pregudizzju, dana mhux minnu u dana peress li mhuwiex possibli li ebda mill-partijiet tissodisfa d-dettami tal-ligi u tipprova li hi ser issofri pregudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-Komunjoni qabel is-sentenza tal-firda u dana peress li z-zewg partijiet llum ghandhom hajja separata taghhom ;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

(i) Tordna l-waqfien tal-Komunjoni tal-Akkwisti li tezisti bejn il-mizzewgin A B u C sive C B u dana permezz ta' sentenza ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
(ii) Tordna li din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tar-Registru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 55(5) u li din l-ordni ghandha jkollha effett daqs li kieku l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti saret b'att pubbliku ai termini tal-Artikolu 55 (5);

Rat ir-risposta tal-intimata, li permezz taghha eccepiet;

Illi l-esponenti konvenuta ma ssibx oggezzjoni illi tigi itterminata il-komunjoni tal-akkwisti li tezisti bejn il-mizzewgin A B u C sive C B pero fuq kundizzjoni illi t-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti tigi fis-sehh mid-data tas-sentenza ta' dina il-Qorti sussegwenti ghar-rikors odjern u dan ai termini tal-artikolu 55 (3) tal-Kap. 16;

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba sabiex pendenti l-kawza ta' separazzjoni bejn il-partijiet, tigi xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom.

Il-Qorti taghmel referenza ghall-Artikolu 55(1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jaghtiha l-fakolta' sabiex f'kull zmien matul is-smiegh tal-kawza ta' firda, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taht amministrazzjoni separata. L-istess Qorti trid necessarjament tevalwa jekk xi wahda mill-partijiet tkunx ser tbati pregudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda u dan *ai termini* tal-Artikolu 55(4) tal-Kap. 16.

Ir-rikorrent jishaq li m'hemm xejn xi jwaqqaf lill-Qorti milli tilqa' t-talba tieghu u dan *stante* li hadd mill-partijiet m'hu ser jigi pregudikat. Izid jghid li anke f'kaz li jkun hemm tentattiv da parti tal-intimata li tikkontesta tali talba, zgur li xorta wahda ma jezistux id-dettami tal-ligi necessarji biex tipprova li ser ikun hemm xi forma ta' pregudizzju u dan peress li z-zewg partijiet illum ghandhom il-hajja separata taghhom.

Min-naha taghha l-intimata taqbel ma' din it-talba fuq il-kondizzjoni li l-komunjoni tal-akkwisti tigi terminata fid-data tas-sentenza odjerna.

Il-Qorti tirrileva li jidher li hemm qbil bejn il-partijiet *stante* li mhux biss l-intimata kkonfermat dan permezz tar-risposta taghha ghar-rikors li permezz tieghu giet mitluba t-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet, izda talli l-partijiet regghu ikkonfermaw tali rieda waqt l-udjenza tat-8 ta’ Mejju 2014.

Il-Qorti tara li fic-cirkustanzi, u tenut kont tal-fatt li m’hemm eba opposizzjoni u konsegwentement m’hemm ebda raguni ghaliex wiehed jista’ jargumenta li xi wiehed jew wahda mill-partijiet ser isofri xi pregudizzju, il-Qorti ma tarax ghaliex m’ghandhiex tiddikjara l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom f’dan l-istadju.

Ghal dawn ir-ragunijiet ghalhekk il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tar-rikorrenti hekk kif dedotta fir-rikors tieghu datat is-6 ta’ Marzu 2014 u konsegwentement tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet *ai termini* tal-Artikolu 55 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Bl-ispejjez dwar din is-sentenza jigu decizi mas-sentenza finali b’dan li r-rikorrent ghandu a spejjez tieghu jinnotifika b’din is-sentenza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------